morna fid-dar tal-għarûsa — li s'issa ma kinitx għadha dehret — biex inġorru sehem mill-ġież tagħha lejn id-dar fejn kellha tmur toqgħod. Niftakar li għabbewli fuq rasi mħadda kbira mimlija bir-rix u miksija bil-ħarir. Nimxu wara xulxin, sarbût, għaddejna min-nofs it-toroq tar-raħal, sa ma wasalna d-dâr tal-għarûs. Hemm ħattejna t-tagħbija tagħna, u jien ukoll ħattejt tiegħi, u stordut u għajjien, ħrabt lejn id-dar biex norqod, u ħallejt lill-oħrajn jieklu u jixorbu u jixxalaw sal-ħamsa ta' fil-għodu.

Il-għada fil-għôdu, għal ħabta ta' xi l-ħdax, irġajna ħriġna f'sarbût twil wara xulxin, biex insieħbu lil-għarûs, mid-dâr għal knisja. Xi għoxrin pass quddiemna kien hemm is-sarbût tal-għarûsa, mexjin, bħalna, wara xulxin. Hi kienet liebsa kollox l-abjad, b'wiċċha mgħotti. M'hux qabel daħlet il-knisja, fl-aħħar, wieħed sata jaralha wiċċha! Dehret donnha trid tibki, u għajjiena, għax fid-dâr tagħha wkoll kien hemm ix-xalar u ż-żfin, ma' tul il-lejl kollu, sa fil-għodu.

Wara t-tieġ, kien hemm laqgħa żgħira b'xi ħaġa tal-ikel u x-xorb ħafifa u bħal ma dari, it-taqsim tal-ħelu. Imbagħad in-nies, ġemgħa ġemgħa, xterdu, imma ma baqgħux lura li ma jifirħux, bi kliem magħżul u sabiħ, liż-żewġ għarajjes. Il-għarajjes imbagħad biddlu l-ħwejjeġ ta' malajr u telqu bil-karozza, għal dak li jgħidulu: Qamar il-Għasel".

P. SALIM HABIB, O.F.M.

# MAWRA SA BETLEHEM

Bħal daż-żmien, żmien il-Milied, qalb kull ħadd tinġibed lejn naħa waħda; ħsieb kull ħadd jittajjar lejn belt waħda; u għajnejn kull ħadd jixtiequ jaraw ħaġa waħda: dik il-Grotta mbierka, qrib Betlehem, li ġewwa fiha twieled Ġesù, li hu waħdu, fid-dinja, kellu jġib is-Sliema.

Ftit hawn nies, hawn Malta, li jafu kif inhu Betlehem, għax minn Malta għal Palestina, ftit imorru nies. Jien, ngħid għalija, lil Betlehem nafu sewwa, daqs kieku kien raħal ta' Malta jew xi ħaġa aktar. Għax jien domt il-Palestina ħafna snin; u Betlehem kont ġej u sejjer, l-aktar għal ħabta tal-Milied. Minn Ġerusalem sa Betlehem, ma hemmx bgħid wisq; hemm qisu ħames mili. Jekk tmur fil-għodu aktar jaqbel tmur bil-mixi, għax fit-triq hemm ħafna x'tara; u jekk tmur bil-karozza, li tasal f'għaxar minuti, ma tilħaq tara xejn.

Hawn, mela, sa nistħajluna li mmorru mawra sa Betlehem, bil-mixi; u meta naslu, ngħaddu min-nofs il-belt. Imbagħad, imorru nżuru l-knisja u l-Grotta ta' taħtha, li ġewwa fiha twieled il-Bambin.

Ġerusalem, bħall-Imdina ta' Malta, hi mdawwra bis-swar; biex tidħol fiha jew toħroġ minnha, fiha l-bibien. Biex immorru Betlehem, minn Ġerusalem, jaqbel li noħorġu minn bieb li bil-Għarbi jgħidulu Bab il-Ħalil, u bl-Ingliż jgħidulu Jaffa Gate. Minn hemm, nilwu lejn ix-xellug, għanniżla,u naslu fuq wied, magħluq b'ħajt għoli u wiesa', li ngħaddu minn fuqu qisu kien pont. Fil-lemin ta' dal-ħajt, naraw għadira kbira mimlija bl-ilma, li jgħidulha Birket

is-Sultan. Fis-sajf, dil-għadira tinxef, u ġewwa fiha jagħmlu s-suq tal-bhejjem; ibiegħu baqar u żwiemel, bgħula u ħmir.

Kif ngħaddu l-wied, niġbdu lejn ix-xellug, għat-telgħa. Aħna u telgħin, naraw fuq il-lemin knisja tal-Protestanti, u dar kbira ma' ġenbha; u fuq ix-xellug, sptar tal-għajnejn. Hu tal-Ingliżi, imma kull ħadd jista' jidħadd. Dil-blata mill-antik, jgħidulha l-Friex ta' Sant' Elija, u quddiemha hemm kunvent tal-Griegi, jgħidulu ta' Sant' Elija wkoll, li ilu mibni mis-seklu Ħamsa. Hawn inkunu f'nofs triq, minn Ġerusalem għal Betlehem, u ż-żewġt ibliet, minn hawn, jidhru sew. Minn hawn naqbdu n-niżla, u nilħqu triq watja; u fil-ġenb ix-xellug naraw għalqa bla ħamrija, il-qiegħa



*Ġerusalem — Fuq il-lemin: is-sur tal-belt. F'nofs ir-ritratt: Bâb el-Khalil. Fix-xellug, in-niżla li tieħu għal fuq il-wied.*

dewwa fih. Kif naslu fuq nett, naraw kunvent imdawwar b'ħajt, li hu tas-Sorijiet Klarissi, u fuq in-naħa l-oħra, hemm l-istazjon tal-vapur tal-art. Imbagħad tibda wetgħa, li fiha belt ġdida, Lhudija, żgħira u sabiħa, li jgħidulha Talpjot.

tagħha kollha ġebel u blat. Jgħidulha l-għalqa taċ-ċiċri, għax ġewwa fiha jinsab żrar żgħir, imdawar, donnu ċiċri tal-ħaġar. In-nies ta' din-naħa jgħidu, li darba, l-Madonna kienet sejra Ġerusalem, bil-Bambin fuq drieghha, u talbet fergħa ċiċri tal-

*Fit-triq ta' Betlehem — Il-Kunvent tal-Griegi ta' Sant Elija, jew bil-Għarbi Dejr Mar Iljâs. Quddiemu hemm il-blata għamla ta' mitraħ.*



Minn ħdejn Talpjot nibqgħu sejrin, u wara mixja żgħira, naraw mal-ħajt tat-triq, blata għamla ta' saqqu, bil-ħofra f'nofsha, donnu raqad fuqha xi qatta, għat-Tifel, lil sid dil-għalqa, u ma tahiex. B'kastig, iċ-ċiċri li kellu fil-għalqha, saret żrar, u għad fadal minnha sal-lum.

Nimxu ftit ieħor, u fil-lemin tat-triq, naraw dar weħedha, bis-saqaf tagħha għamla ta' koppla. Dan hu l-qabar ta' Rakel, il-mara ta' Ġakobb li mietet kif ġiebet fid-dinja lil Benjamin, kif inhu miktub fil-Kotba Mqaddsa. Ftit 'il hemm minn dal-qabar, it-triq, tinferaq fi tlieta: tal-lemin tieħu għal raħal jismu Betġâgħla; ta' quddiem tieħu għal Hebron, u tax-xellug tibqa' dieħla, ġewwa Betlehem dritt.



*Fit-triq ta' Betlehem — Id-dar bis-saqaf għamla ta' koppla; jew il-Qabar ta' Rakel, il-mara ta' Ġakkobb, Bin Abraham.*

Kif nidħlu Betlehem, nibqgħu mistagħġbin kemm jixbaħ lil xi raħal mir-rħula ż-żgħar ta' Malta. Id-djar bis-saqaf ċatt, b'xi għorfa fuqhom; twieqi ftit; bwieb imdaqqsin, u bla żina; kollox lixx, u l-ħitan imbajda bil-ġir. Toroq aktarx dojoq, tliegħi u nżieli; imgħawġin, imma ndaf.

Nistħajluna, mela,li kif naslu Betlehem, nimxu ftit f'toroq bħal dawn, qabel ma naslu l-knisja. Inħarsu lejn il-bwieb miftuħa; hemm naraw raġel, bil-qegħda fl-art, idoqq it-tajjar, bil-watal. 'Il hemm aktar, xi ieħor, iħanxar xi għuda bil-munxâr. Hemm naraw xi ħaddied imgermed, idoqq fuq l-inkwina t-tarf ta' ħadida mikwija. Xi ħanut tal-ħaxix, bil-qfief ħada l-bieb; jew tal-ħelu, bil-kaxex tal-ħġieġ, dojoq u twal. Jew ukoll, tal-ġugarelli, bil-pupi, karozzi u



*Betlehem — Kif tidħol fil-pajjiż. Toroq aktarx dojoq, djar bis-saqaf ċatt; donnu raħal ta' Malta.*

żwiemel tal-landa, imdendlin malħitan. Kollox jixbaħ wisq lir-rħula ta' Malta, barra minn ħaġa waħda: għax hawn, ħafna rġiel, joħorġu barra,

mhux bil-qalziet imma bi qmis twila-twila, li jgħidulha qumbâs. U n-nisa wkoll, ma jilbsux bħal ta' Malta; għax ikunu lebsin bluża, sewda jew kaħla, u mħażżnin b'terħa; u b'liżar abjad fuq rashom bit-truf tiegħu mdendlin wara daharhom. U fuq ras-hom ikollhom xi ħaġa għamla ta' kitla, mgħottija b'dak il-liżar.



*Betlehem — Il-misraħ ta' quddiem il-Knisja tat-Twelid. Fil-lemin. Kunventi qodma, tal-Griegi u tal-Armeni. Fin-nofs, nies sejrin il-Knisja.*

Wara li nimxu ftit, naqbdu telgħa. Ngħaddu minn quddiem ħanut tal-kafe, u fanal, fuq riġla għolja tal-ħadid, quddiemu, u nilwu għal triq dejqa lejn ix-xellug, kollha ħwienet tal-laħam, bil-ħrief, maqtula, imdendlin rashom 'l isfel, ħada l-bieb.

Meta noħorġu min dit-triq, insibu ruħna f'misraħ wiesa', u quddiemna, u fil-lemin tagħna naraw bini qadim għall-aħħar, iswed biż-żmien, u msewwi u mirfud. Il-bini tal-faċċata, fih bieb kbir, misdud bil-ħaġar, u mħolli minnu, biss, bħal tieqa żgħira ftit ogħla mill-art. Din hija l-knisja, mibnija mnn Santa Liena, fuq il-għar fejn twieled Ġesù.



*Betlehem — Il-Bażilka ta' Santa Liena, maqsuma bil-kolonni, bis-saqaf tal-injam, u rqajja' tal-mużajk mal-ħitan.*

Nimxu 'l quddiem, lejn il-bini li għedna, u nidħlu mill-bieb li qisu tieqa, u nsibu ruħna ġewwa knisja kbira għall-aħħar, qadima, li xejn ma tixbaħ lil knejjes ta' Malta. Bla artali; il-ħitan lixxi u bla żina; twila xi mitt pied u wiesa' sebgħin. Fiha erba' saffi kolonni, minn tulha, żewġ saffi kull naħa; kull kolonna magħmula minn ħaġra waħda, għolja għoxrin pied, u bir-ras tagħha tar-rħam. Hekk il-knisja tiġi maqsuma f'ħamsa: korsija kbira fin-nofs, u żewġ kurriduri kull naħa, fil-lemin u fix-xellug.



*Betlehem — Bieb tar-rħam li jagħti għat-taraġ li jieħu għal Grotta tat-Twelid.*

Is-saqaf tal-korsija hu tal-injam, u aktar għoli mis-saqaf tal-kurriduri, għax fuq il-kolonni, ta' kull naħa tal-korsija, mibni ħajt. Dal-ħajt għoli tletin pied, u fih ħdax il-tieqa. Fil-kolonni għadhom jidhru, mitfija, xbiehat tal-qaddisin, u fil-ħitan, irqajja' tal-mużajk. 'Il ġewwa mill-kolonni tal-korsija, l-art tal-knisja iżjed għolja, qisha presbiterju. Billi dil-knisja, iqaddsu fiha l-Griegi biss,



*Betlehem — Il-Grotta Mqaddsa, minn tarf sa tarf. Faċċata, l-artal li taħtu tinsab il-Kewba tal-fidda.*

faċċata fiha l-ikonostasi, jiġifieri bħal rixtellu, tal-injam, għoli, u fuqu xbiehat tal-qaddisin. Hemm nieqfu nħarsu ftit, imbagħad ngħaddu minn bieb, taħt il-kolonni, għal ġewnaħ tal-knisja. Naraw bieb żgħir tar-rħam, taħt il-presbiterju, b'taraġ mudlam fih, li jinzel għal taħt l-art. Ninzlu minnu u niġu ġewwa għar. Dan hu l-għar fejn twieled il-Bambin.

Inħarsu ma' dwarna. Ninsabu f'għar taħt l-art, twil erbgħin pied u wiesa' tnax, bis-saqaf magħmul ħnejja, u l-ħitan miksijin bid-damask tal-

asbestos, biex ma jinħaraqx, u missaqaf imdendlin għadd ta' lampieri tal-fidda. Fit-tarf tal-għar, ħada t-taraġ li nżilna minnu, artal tal-Griegi, ġewwa niċċa. Taħt dal-artal, imwaħħla fl-art, kewkba tal-fidda, kbira kemm wieħed jgħatti b'idejh it-tnejn. Ma' dwar il-kewkba, imdendlin, ħmistax-il lampier żgħir, tal-fidda, dejjem mixgħula. Ftit 'il ġewwa, fix-xellug tal-artal, hemm rokna baxxa, tasa' xi sitta min-nies, tinzel fiha bi tliet targiet... Fuq ix-xellug, f'dir-rokna, hemm artal tal-Latini, u fuq il-lemin, ħawt tar-rħam, fejn kienet il-maxtura li fiha l-Madonna meddet lil Binha malli twieled u fejn sabuh ir-rgħajja, meta ġew jarawh. Wara l-ħawt, hemm purtiera tal-ħarir u warajha, jidher il-blat; dak il-blat imbierek li sama' n-nifs, u niegħi, ta' Ġesù Tarbija, u leħen il-Madonna tgħannilu biex jorqod.



*Betlehem — Il-kewkba tal-fidda, taħt l-artal, ġewwa l-Għar Imqaddes li għandha storja kbira. Imwaħħla mill-Franġiskani* 1717. *Misruqa mill-Griegi,* 1847. *Miġjuba lura, fl-*1852. *Ħtija tagħha saret il-Gwerra ta' Krimea, tar-Russja kontra t-Turkija, l-Ingilterra u Franza,* 1853-1856.

B'dawn il-ħsibijiet ninzlu għarkubtejna, inbusu dik l-art għażiża, u ngħidu talba. Imbagħad inqumu u noħorġu barra, u ż-żjara tagħna lil Betlehem, tintemm hekk.

ELSIE.

# KLIEM TA' GAHAN

Lejla waħda daħal ħalliel fid-dar ta' Ġaħan u Ġaħan staħba ġewwa armarju bil-ħsieb li jaqbeż fuqu u jaqbdu. Il-ħalliel fittex id-dar kollha u ma sab xejn x'jisraq, u fl-aħħar fetaħ l-armarju ħalli jara kienx hemm xi ħaġa. Sab ġewwa fih lil Ġaħan imkebbeb. Il-ħalliel ħareġ is-sikkina, għajjinha għal sider Ġaħan u qallu: "Staħbejt hawn, eh, biex taqbadni?!" "Le", wieġbu Ġaħan bil-biża; "Staħbejt hawn għax stħajt minnek, billi rajtli l-faqar tad-dar tiegħi!"

* * *

Xi ħbieb ta' Ġaħan qalulu darba: "Ġaħan, il-mara tiegħek kull meta tmur fuq l-għajn taqbat tgħajat u titlewwem man-nisa l-oħra. Għandha tkun li tilfet rasha!

Ġaħan għal dan qiegħed idu fuq moħħu u qagħad jaħseb. Wara ftit ħbiebu saqsewh: "X'int taħseb, Ġaħan? Għadek m'għedtilniex kelma!"

Weġibhom Ġaħan: "Jien naf tajjeb li l-mara tiegħi ma għandhiex ras x'titlef; jekk tilfet xi ħaġa, qiegħed naħseb dil-ħaġa x'tista' tkun!"